**13 ta' Mejju, 1958**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Neg. Walter Bonello ne.

*versus*

Kaptan Pietro Fragiacomo ne.

**Kaptan — Polza tal-Kariku — Pezament tal-Merkanzija — Klawsoli ta' Ezoneru — Prova.**

*Il-polza tal-kariku hija l-ewwelnett ricevuta tal-merkanzija karikata fuq il-bastiment, rilaxxjata mill-kaptan, jew mill-agent jew impjegat tal-armatur bil-permess tal-kaptan. U ladarba dik il-polza tkun giet rilaxxjata mill-kaptan, l-istess hija dokument effikaci kontra tieghu biex il-possessur tal-polza jottjeni minn ghandu r-rikonsenja tal-istess merkan-*

*zija; u dan il-possessur għandu preċiżament dawk id-drittijiet kollha li jiskaturixxu mill-istess polza.*

*Għaldaqstant, id-destinatarju tal-merkanzija għandu dritt jirċievi l-piż kollu mdaħħal fil-polza, mingħajr l-obligu, finnuqqas ta' klawsoli bħal dawk magħrufa bħala "peso sconosciuto", "ignoro peso", "dice essere", anzi bl-affermazzjoni tal-piż da parti tal-kaptan, li jipprova li l-kwantità ndikata fil-polza ġiet effettivament konsenjata fil-mument tal-karikazzjoni.*

*Għax il-kaptan hu responsabbli għall-piż indikat fil-polza. Huwa għandu l-obligu, meta ma hemmx xi waħda mill-klawsoli fuq riferiti, li jikkontrolla l-operazzjoni tal-imbark, u jikkonsenja l-piż skond il-polza. Del resto, din ir-responsabbilità tal-kaptan ma tiġix nieqsa lanqas bl-appożizzjoni ta' xi waħda minn dawk il-klawsoli, billi dawk il-klawsoli ma jeskludux assolutament ir-responsabbiltà tiegħu u tal-armatur, imma għandhom bħala effett li jiddispensawh mill-obligu tal-kontroll, li minnhom joħroġ, subordinatament għall-kondizzjoni illi l-piż ma kienx rikonoxxibbli fiż-żmien tal-karikazzjoni. L-effett ta' dawk il-klawsoli huwa biss li jinvertixxu l-onere tal-prova, fis-sens illi jiġi jmiss lill-karikatur jew lir-riċevitur li jipprova illi l-kwantità ndikata fil-polza ġiet regolarment imbarkata u mhux interament konsenjata.*

*Naturalment, il-kaptan għandu d-dritt li jikkontrolla l-operazzjoni tal-iskarikazzjoni u tal-peżament fil-mument tar-rikonsenja; u fil-fatt hekk isir, billi l-kaptan ikun preżenti, jew personalment jew per mezz ta' rappreżentant, għall-użin tal-merkanzija, ammenokkè ma jippruvax illi r-riċevitur tal-merkanzija rrinunzja għall-peżament, totalment jew in parti, u ħa l-merkanzija mingħajr ma ġiet peżata; u wieħed għandu jistenna illi l-kaptan, f'każ li jkun hemm din ir-rinunzja, jottjeni prova formali, preċiża u konvinċenti, li l-karikatur irrinunzja tabilħaqq għall-peżament tal-merkanzija.*

*Jekk il-kaptan jara li l-operazzjoni tal-użin kienet sejra ddum ħafna bil-mod li kienet qegħdha ssir, u huwa ried jitlaq bil-bastiment tiegħu, imissu javża lir-riċevitur, u jew jottjeni*

*minn ghandu dikjarazzjoni preċiża fis-sens fuq indikat, jew fiehu l-passi meħtieġa taħt iċ-ċirkustanzi biex jeżimi ruħu minn kull responsabbiltà fil-każ li l-pezamenti ma jiġux effettwat kif u fiż-żmien li raġjonevolment għandu jsir.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi huwa xtara partita ful li l-piż tagħha kien ta' tliet mija u wieħed eluf ħames mija u sittin kilo (301,560Kg.); liema partita ġiet mgħobbija fuq il-moto-veljer fuq imsemmi sabiex tiġi trasportata f'Malta; u li, meta l-imsemmija partita ful ġiet karikata fuq l-imsemmi moto-veljer, il-konvenut, bħala kaptan, assuma r-responsabbiltà tal-piż tal-istess merkanzija, kif espressament jirriżulta mill-kliem "confermo il peso Kg. 301,560" li jinsab fil-polizza tal-kariku li ġiet maħruġa u ffirmata mill-istess konvenut (dok. A); u illi, meta l-imsemmi moto-veljer wasal Malta, u l-attur ħa l-konsenja tal-istess merkanzija, huwa sab nuqqas ta' 6,642 kilos, kif jirriżulta mid-dokument "B" prodott mal-istess att taċ-ċitazzjoni; u illi huwa pprotesta kontra dan in-nuqqas per mezz ta' protest in data 3 ta' Novembru 1955 (dok. C); talab, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u kull provvediment opportun, illi l-konvenut jiġi dikjarat responsabbli tad-danni sofferti mill-istess attur nomine, konsistenti fid-differenza tal-prezz bejn l-ammont komplessiv imħallas mill-attur għall-partita ful kollha u dak korrispondenti għall-kwantità riċevuta, kif ukoll fid-differenza ta' nol u spejjeż relattivi u lukru ċessanti; u l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur nomine, a titolu ta' danni, dik is-somma li tiġi għal hekk likwidata. Bl-interessi kummerċjali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru tat-3 ta' Novembru 1955, dawk tal-protest tal-istess data, dawk tal-ittra uffiċjali tal-4 ta' Novembru 1955, u dawk tal-impediment tal-partenza tal-bastiment tat-3 ta' Jannar 1956, u tal-mandat ta' sekwestru tat-3 ta' Jannar 1956;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi mid-dokument fil-fol. 5 tal-proċess, il-polizza tal-kariku tal-merkanzija in kwistjoni, jirriżulta li fil-5 ta'

Ottubru 1955 ġew karikati fuq il-moto-veljer "Fabiola", fuq imsemmi, Kaptan Frangiacomo, għall-ordni tad-ditta attriċi f'Malta, 301 560 Kilogramm ful, u li l-imsemmi kaptan, li rċieva dik il-merkanzija karikata fuq l-imsemmi bastiment, ikkonferma l-imsemmi piż tagħha bil-kliem, minnu stess apposti fuq il-polizza tal-kariku, "confermo il peso Kg. 301,560";

Illi mid-dokument fil-fol. 6 tal-proċess, mix-xhieda tal-imsemmi Lino Attard Rignaud, inkarikat mill-peżament tal-merkanzija meta waslet Malta, u mix-xhieda tal-imsemmi Antonio Calleja, li ħadem għad-ditta attriċi bħala "foreman" fl-iskarikament tal-istess merkanzija, jirriżulta li minn fuq il-bastiment niżlu biss 294,918 kilogrammi. Calleja, difatti, xehed......;

Illi għalhekk tirriżulta pruvata d-defiċjenza ta' 6,642 kg.;

Tikkunsidra;

Illi, kif huwa risaput, il-polizza tal-kariku hija l-ewwel-nett riċevuta tal-merkanzija karikata fuq il-bastiment, rilaxxjata mill-Kaptan jew mill-aġent jew impjegat tal-armatur bil-permess tal-kaptan. Fil-każ preżenti ġiet rilaxxjata mill-kaptan, u hija dokument effikaċi kontra tiegħu biex il-possessur tal-polizza jottjeni minn għandu r-rikonsenja tal-istess merkanzija, u dan il-possessur għandu preċiżament dawk id-drittijiet kollha li jiskaturixxu mill-istess polizza. Id-ditta attriċi kellha dritt tirċievi l-piż kollu ndikat fil-polizza mingħajr l-obligu f'dan il-każ, fin-nuqqas tal-klawsoli bħal dawk magħrufa bħala "peso sconosciuto", "ignoro peso", "dice essere", anzi bl-affermazzjoni tal-piż da parti tal-kaptan, li tipprova illi l-kwantità indikata fil-polizza ġiet effettivament konsenjata fil-mument tal-karikazzjoni. Il-kaptan hu responsabbli għall-piż indikat fil-polizza. Huwa għandu l-obligu, meta ma jkunx hemm xi waħda mill-klawsoli fuq riferiti, li jikkontrolla l-operazzjonijiet tal-imbark, u jikkonsenja l-piż skond il-polizza; u din ir-responsabbiltà tiegħu, del resto, ma tiġix nieqsa lanqas bl-appożizzjoni ta' xi waħda minn dawk il-klawsoli, billi dawk il-klawsoli ma jeskludux assolutament ir-respon-

sabbiltà tiegħu u tal-armatur, imma għandhom bħala effett li jiddispensawhi mill-obligu tal-kontroll, li minnhom joħroġ, subordinatament għall-kondizzjoni illi l-piż ma kienx rikonoxxibbli fiż-żmien tal-karikazzjoni. L-effett ta' dawk il-klawsoli huwa biss li jinvertixxu l-onere tal-prova, fis-sens illi jiġi jmiss lill-karikatur jew lir-riċevitur li jpprova illi l-kwantità indikata fil-polza ġiet regolarment imbarkata u mhux interament konsenjata;

Illi, naturalment, il-kaptan għandu d-dritt jikkontrolla l-operazzjoni tal-iskarikazzjoni u tal-peżament fil-mument tar-rikonsenja; u fil-fatt hekk isir, billi l-kaptan ikun preżenti, jew personalment jew per mezz ta' rappreżentant, għall-użin tal-merkanzija; u fil-każ preżenti, meta l-merkanzija bdiet tiġi miżgħuna, kien hemm baħri preżenti in rappreżentanza tal-kaptan; iżda ġara li sar il-peżament ta' parti mill-merkanzija, u għall-użin ta' din il-parti dak il-baħri kien preżenti; il-bqija ġiet miżgħuna mingħajr l-intervent tal-kaptan jew ta' xi ħadd ieħor in rappreżentanza tiegħu;

Tikkunsidra;

Illi l-kaptan jippretendi illi dan ġara għaliex l-attur nomine waqqaf il-peżament, u għalhekk huwa ma għandux jirrispondi għan-nuqqas fil-piż appuntu billi l-attur nomine waqqaf il-peżament u ħa merkanzija mingħajr ma ġiet peżata;

Illi, kieku ġara dak li jippretendi l-kaptan, jiġifieri kieku l-attur nomine iddikjara li ried jirċievi l-merkanzija mingħajr ma jiżinha, il-kaptan kien ikollu raġun; iżda huwa ma ppruvax soddisfaċentement din l-allegazzjoni tiegħu;

Illi, difatti, għalkemm huwa xehed......;

*Omissis;*

Illi mill-premess jidher — dak li ġie rilevat — illi l-konvenut ma ppruvax soddisfaċentement dak li evidentement ried ifisser, jiġifieri li l-attur nomine rrinunzja għall-

użin tal-merkanzija kollha, jew aħjar li, wara li ġiet peżata parti mill-merkanzija, irrinunzja għall-użin tal-bqija. L-użin ma bediex u spiċċa mingħajr interruzzjoni, għaliex f'ċertu żmien waqaf; u din hija l-espressjoni użata millnostromu. L-użin ġie sospiż u differit minn ħin għall-ieħor, imma ma jirriżultax soddisfaċentement pruvat — kif għandu jirriżulta biex il-kaptan jeħles mir-responsabbiltà għannuqqas — li l-attur nomine rrinunzja għall-użin u b'hekk ħa fuq spallejh dik ir-responsabbiltà. Id-depożizzjoni talkaptan, fuq aċċennata, riferibbilment għall-konversazzjoni li kellu mal-persuna fuq riferita, għandha kontra tagħha l-piż tal-kumpless taċ-ċirkustanzi li jwasslu f'sens kuntrarju. U mbgħad wieħed għandu jistenna li l-kaptan, responsabbli, speċjalment kif kien fil-każ preżenti, fejn ikkonferma l-piż, għal kull defiċjenza f'dak il-piż, mingħajr l-obligu, jiġifieri, tal-attur nomine li jipprova li fuq il-bastiment ġie effettivament karikat il-piż indikat fil-polizza, jottjeni prova formali, preċiża, konvinċenti, li r-riċevitur irrinunzja tabilħaqq għall-peżament tal-merkanzija kollha. Jekk ilkaptan ra li l-operazzjoni tal-użin kienet sejra ddum ħafna bil-mod li kienet qegħda ssir, u huwa ried jitlaq bil-bastiment tiegħu, kien imissu avża lill-attur nomine u, jew jottjeni minn għandu dikjarazzjoni preċiża fis-sens fuq indikat, jew jieħu l-passi meħtieġa taħt iċ-ċirkustanzi biex jeżimi ruħu minn kull responsabbiltà fil-każ li l-peżament ma jiġix effettwat kif u fiż-żmien li raġjonevolment għandu jsir;

Għall-motivi premessi;

Tiddeċidi adeżivament għall-ewwel talba kontenuta flatt taċ-ċitazzjoni, billi tiddikjara li l-konvenut nomine huwa responsabbli tad-danni sofferti mill-attur nomine, konsistenti fid-differenza tal-prezz bejn l-ammont komplessiv imħallas mill-attur nomine għall-partita ful kollha riferita u dak korrispondenti għall-kwantità riċevuta, fid-differenza ta' nol u spejjeż relattivi, u fil-lukru ċessanti; l-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut nomine;

Tiddifferixxi għall-udjenza tad-29 ta' Mejju 1958 ittrattazzjoni taż-żewġ domandi l-oħra avanzati bl-istess att taċ-ċitazzjoni.